KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
Skola Sekondarja, Ħal Kirkop

Marka

EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – 2014/2015

L-EWWEL SENA (Yr 7)	IR-RELIĠJON	IL-ĦIN: SIEGĦA U NOFS

L-Isem: ______________________________ **Il-Klassi:** ___________

Taqsima A

IL-VJAĠĠ TIEGĦI

Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.

1. Il-vjaġġ li wieħed jagħmel biex jikber fil-fidi u jersaq aktar lejn Alla jissejjaħ (Purċissjoni, Eżerċizzi, Pellegrinaġġ). *(marka)*

2. (Ruma, Ġerusalemm, Mekka) hi meqjusa bħala post qaddis mil-Lhud, mill-Insara, kif ukoll mill-Musulmani. *(marka)*

3. Fil- (Bibbja, ktieb tar-Reliġjon, ħrejjef) insibu ħafna ġrajjiet li flimkien jiffurmaw dik li tissejjaħ *"L-istorja tas-salvazzjoni".* *(marka)*

4. Meta Ġesù kellu tletin sena huwa ħareġ jgħallem u jfejjaq in-nies fl-ibliet u l-irħula (ta' Ruma, tal-Galilija, ta' Tarsu). *(marka)*

5. Il-ġrajja tal-bidu tal-Knisja, speċjalment il-ħidma ta' San Pietru u San Pawl hija miktuba fil-ktieb tal-(Atti tal-Appostli, Evanġelju, Apokalissi). *(marka)*

6. Bħala post ta' pellegrinaġġ il-Lhud iżuru (il-Belt tal-Vatikan, il-Ħajt tal-Punent, il-Knisja tal-Qabar Imqaddes). *(marka)*

7. (David, Ġwanni l-Battista, San Pawl) huwa personaġġ bibliku fl-antik testment. *(marka)*

Qabbel kolonna A ma’ kolonna B. *(5 marki)*

	Kolonna A		Kolonna B
8	Kana		F’din il-belt Ġesù fejjaq raġel agħma.
9	Nażaret		F’dan ir-raħal kienu joqgħodu Marta, Marija u Lażżru
10	Najn		Ġesù għamel l-ewwel miraklu tiegħu.
11	Betanja		Ġesù qajjem mill-mewt lil bin armla.
12	Ġeriko		Hawn Ġesù għex il-parti l-kbira ta’ ħajtu.

Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet.

13. Semmi **żewġ** postijiet ta’ pellegrinaġġ li għandna fil-Gżejjer Maltin.

(i)____*(marka)*

(ii)____*(marka)*

14. X’jisimha l-belt li fiha Ġesù ta ħajtu fuq is-salib u wara qam rebbieħ mill-mewt?

____*(marka)*

15. X’jisimha l-belt li fiha twieled Ġesù?

____ *(marka)*

16. X’messaġġ mar iwassal l’Anġlu Gabriel lil Marija?

____*(2 marki)*

17. X’kien ġralu Sawlu meta kien sejjer lejn il-belt ta’ Damasku?

____(2 marki)

18. Għaliex in-nisrani qatt ma’ għandu jaqta’ qalbu fil-mixja ta’ ħajtu?

____(2 marki)

19. Agħti eżempju kif nistgħu nagħtu post lil Alla fil-familji tagħna ?

____(2 marki)

20. Ikteb talba li turi li inti tixtieq timxi il-mixja ta’ ħajtek fuq il-passi ta’ Ġesù.

____

____

____(3 marki)

Wieġeb billi tikteb paragrafu ta’ madwar 80 kelma.

Agħżel bejn *L-avventura ta’ Abraham* **JEW** *L-avventura ta’ Rut* u ikteb paragrafu dwarha.

____

____

____

____

____

____

____

____(8 marki)

Taqsima B

IL-QAWWA TA’ ĠO FIJA

Agħżel it-tweġiba t-tajba billi taqtà sinjal taħtha.

1. Fil-ġrajja ta’ (Pentekoste, Babel, San Lawrenz) naraw lill-bniedem jieħu post Alla. *(marka)*

2. Fil-ġrajja ta’ (Babel, Pentekoste, San Lawrenz) l-Ispirtu s-Santu niżel fuq id-dixxipli u bdew jitkellmu b’ilsna oħra. *(marka)*

3. Fil-(Glorja, Missierna, Kredu) aħna l-insara nistqarru li nemmnu “fl-Ispirtu s-Santu, l-Mulej li jagħti l-ħajja”. *(marka)*

4. Fil-(Magħmudija, Ġriżma tal-Morda, Qrar) nirċievu fina l-Ispirtu s-Santu għall-ewwel darba. *(marka)*

5. Is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof ngħidulu wkoll is-sagrament tal-(Komunikazzjoni, Konfermazzjoni, Qrar). *(marka)*

6. Fis-sagrament tal-(Magħmudija, Qrar, Ewkaristija) aħna nirċievu lil Ġesù. *(marka)*

Qabbel kolonna A ma’ kolonna B *(5 marki)*

	Kolonna A		Kolonna B
7	San Ġorġ Preca		Qaddisa żagħżugħa li mietet martri minħabba l-fidi.
8	San Lawrenz		Pastor Luteran li bl-intelliġenza tiegħu ħadem kontra il-qerda li kien ser iġib Hitler.
9	Irena Sendler		Qaddis Malti li ħadem għat-tixrid tal-Evanġelju.
10	Dietrich Bonhoffer		Salvat ħafna tfal u nies Lhud mill-kamp ta’ konċentrament
11	Santa Perpetwa		Qaddis djaknu li miet martri taħt il-persekuzzjoni tal-insara f’Ruma.

12. Liema huma t-**tliet** simboli tal-Ispirtu s-Santu?

(a)____ (*marka)*

(b)____ (*marka)*

(c)____ (*marka)*

Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet.

13. Agħżel ***wieħed*** mis-simboli prinċipali tal-Ispirtu s-Santu u spjega fil-qosor it-tifsira tiegħu.

____

____*(2 marki)*

14. Semmi ***żewġ*** differenzi li jagħmel fina l-Ispirtu s-Santu?

____

____*(2 marki)*

15. Semmi ***tliet*** doni (rigali) li jagħtina l-Ispirtu s-Santu fis-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof.

(a)____ (*marka)*

(b)____ (*marka)*

(c)____ (*marka)*

16.Waqt liema quddiesa jiġi kkonsagrat iż-żejt tal-Griżma?

____*(2 marki)*

17. X'ġara fl-istorja tat-torri ta' Babel?

____

____

____

____*(3 marki)*

18. Agħżel **WIEĦED/WAĦDA** minn dawn l-personaġġi u ikteb 80 kelma.

(a) San Ġorġ Preca

(b) Irena Sendler

(c) San Lawrenz

(d) Santa Perpetwa

____

____

____

____

____

____

____

____

____

____(*8 marki)*

Taqsima C

LIEMA TRIQ SE NAGĦŻEL?

Agħżel it-tweġiba t-tajba billi taqtà sinjal taħtha.

1. Persuna mill-Evanġelju li kkonverta kien (Ġwanni, Żakkew, Lażżru). *(marka)*

2. Kull nhar ta' Sibt Ġesù kien imur jgħallem (fis-sinagoga, l-iskola, il-moskea). *(marka)*

3. Fi żmien Ġesù l-Palestina kienet taħt il-ħakma (tar-Rumani, tal-Għarab, tal-Feniċi) *(marka)*

4. Żakkew kien wieħed mill-(Pubblikani, Appostli, Fariżej). *(marka)*

5. Lil Ġesù d-dixxipli kienu jsejjħulu (Levi, Qassis,Rabbi), li tfisser mgħallem. (marka)

Qabbel kolonna A ma' kolonna B *(7 marki)*

	Kolonna A		**Kolonna B**
6	Pietru		Magħruf l-aktar bħala dak li ma riedx jemmen li Ġesù qam mill-mewt.
7	Indri		Fost l-appostli ta' Ġesù dan kien li ttradieh.
8	Ġwanni		Fl-Evanġelju skont San Ġwann insibuh bħala Natanjel.
9	Tumas		Bħal ħuh Pietru kien sajjied imwieled Betsajda u jaħdem Kafarnahum.
10	Mattew		Jispikka fost l-appostli bħala dak li baqa' ma' Ġesù sal-aħħar.
11	Ġuda l-Iskarjota		Propjament ismu kien Xmun.
12	Bartilmew		Qabel sejjaħlu Ġesù, kien pubblikan jiġbor it-taxxi.

Imla l-vojt. L-istorja tat-trasfigurazzjoni.

13. Ġesù ħa miegħu lil **P**______________________, lil **Ġ**___________________ u ‘l **Ġ**______________________ u tala’ fuq il-muntanja biex jitlob. U ġara li huwa u jitlob, id-dehra ta’ wiċċu tbiddlet u l-ilbiesi tiegħu saru ta’ bjuda li tgħammex. U kien hemm żewġt irġiel jitħaddtu miegħu**, M**________________ u **E**______________ Pietru qal li Ġesù: “ Mgħallem kemm hu sew li aħna hawn!”.... *(5 marki)*

Waqt li kien qiegħed jgħid dan, ġiet sħaba u għattiethom. U min ġos-sħaba nstama’ leħen jgħid:

“Dan hu ibni l-għażiż____”.

(2 marki)

Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet.

14. X’inhi parabbola?

____*(2marki)*

15. Ikteb ***żewġ*** eżempji ta’ parabboli li qalilnaĠesù.

(i)____ *(marka)*

(ii)____*(marka)*

16. X’għamel Żakkew biex juri li bidel ħajtu?

____

____*(2marki)*

18. X'jistenna minna Ġesù llum biex inkunu veru dixxiplu tiegħu?

____

____

____*(2marki)*

19. Kif nistgħu nkunu xhieda ta' Kristu fl-iskola?

____

____

____*(2marki)*

20. Semmi żewġ raġunijiet għaliex għandna nħarsu lejn Ġesù bħala l-akbar ħabib tagħna.

(i)____

(ii)____

(2marki)

TMIEM IL-KARTA